# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 538/2009 SM**

**Paul Pullicino (I.D. 173364 M) u b'nota tal-11 t'Awwissu, 2010, Dr. Joseph Zammit Maempel assuma l-atti tal-kawza flok Paul Pullicino li miet fil-mori tal-kawza**

**vs.**

**Id-Direttur Generali tax-Xogholijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi kien impjegat mat-Taqsima tax-Xogholijiet fil-perjodu bejn it-30 ta’ Novembru, 1981, u it-3 ta’ Jannar, 1983, bhala *“full-time Trainee/Apprentice”*, (ara foll 5);

1.2. Illi x-xoghol assenjat lilhu kien li jisservisja il-vetturi tal-gvern;

1.3. Illi dan ix-xoghol kien jinkludi li jkun espost ghal trab tal-*“brake-pads”* tal-istess vetturi li kienu maghmulin minn materjal tossiku u karcinogenn tal-asbestos;

1.4. Illi l-periklu tal-asbestos ilu maghruf sa mill-bidu tas-seklu ghoxrin, u zgur maghruf lid-dipartiment intimat fi zmien tal-impjieg tar-rikorrenti mieghu;

1.5. Illi l-asbestos ilu li nqatgha mis-suq proprju ghal din ir-raguni;

1.6. Illi tul iz-zmien kollu li r-rikorrenti dam hekk jahdem fl-imsemmija kariga mal-intimat, la nghata ilbies jew apparat protettiv u lanqas ma gie b’xi mod protett minn dan il-materjal fatali;

1.7. Illi dan in-nuqqas riskontrat sehh b’negligenza tad-dipartiment tax-xogholijiet;

1.8. Illi fl-2008 kien dikjarat li qed isofri minn *mesothelioma* - tip ta’ kancer ikkawzat esklussivament mill-fatt li wiehed jigi espost ghall-asbestos ghal tul ta’ zmien, (ara foll 6);

1.9. Illi ma jezisti l-ebda fejqan ghal din il-kondizzjoni;

1.10. Illi kawza tal-istess ir-rikorrenti qed isofri minn danni kemm *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*;

1.11. Illi ghalkemm l-intimat kien interpellat biex ihallas ghad-danni minnu hekk ikkagunati, hu baqa’ inadempjenti, (ara foll 7 u 8);

1.12. Illi konsegwenza tal-istess kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara li l-*mesothelioma* illi biha qed isofri r-rikorrenti giet kawzata unikament u esklussivament minhabba x-xoghol tieghu fuq indikat bejn it-30 ta' Novembru, 1981, u t-3 ta' Jannar, 1983, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol daparti tal-istess dipartiment ikkoncernat;

1.12.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, kemm *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*, u dan okkorendo bl-opra ta' *periti nominandi*;

1.12.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti;

1.12.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-11 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu tat l-indikazzjonijiet procedurali hemm elenkati lill-partijiet, (ara foll 11);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-14 ta' Settembru, 2009, li permezz tieghu l-intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll 16)

3.1. Illi jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati;

3.2. Illi ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu respinti;

3.3. Salv risposti ulterjuri;

3.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4.0. Illi l-istess intimat sintetikament sostna wkoll is-segwenti: (ara foll 17)

4.1. Illi t-taqsima mmexxija mill-intimat ma tahtix ghall-marda li minnha jsofri r-rikorrenti;

4.2. Illi r-rikorrenti dam jahdem bhala apprentist ghal madwar erbatax- il xahar li minnhom tliet (3) ijiem fil-gimgha kienu prattika u jumejn (2) skola, (ara foll 20);

4.3. Illi kif jidher mid-dettalji personali tar-rikorrenti mahruga mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig, (ara foll 5), ir-rikorrenti kien impjegat f'postijiet ohra fl-istess zmien li kien apprentist mal-intimat;

4.4. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimat kien negligenti, hi wahda skorretta;

4.5. Illi t-Taqsima tax-Xogholijiet m'agixxietx b'mod traskurat, b'imperizja jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti rigwardanti s-sahha u s-sigurta` tax-xoghol;

4.6. Illi rigward l-uzu tal-asbestos jinghad li fiz-zmien ikkoncernat dan kien ghadu jintuza mill-kumpaniji li jipproducu s-sistemi ta' *"brakes"* tal-vetturi;

4.7. Illi l-intimat kien jakkwista l-"*brakepads"* b'mod legali mis-suq kif kienu jaghmlu ohrajn fil-privat;

4.8. Illi t-Taqsima mmexxija mill-intimat dejjem hadet il-prekawzjonijiet kollha maghrufa dak iz-zmien;

4.9. Illi l-garaxxijiet fejn kien isir is-*"service"* tal-vetturi kellhom bibien kbar ghal barra li fil-bicca l-kbira kienu jinzammu miftuhin;

4.10. Illi ghalhekk il-garaxxijiet *de quo* kienu jkunu ventilati b'mod adegwat;

5. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu hatret lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 23 u 22);

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti wkoll diversament preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu innominat lill-espert gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 27), flimkien mal-konferma tal-istess nomina datata s-26 ta' Jannar, 2011, (ara foll 48);

7. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita biex tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 103);

8. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tar-rikorrenti datata s-6 ta' Mejju, 2016, (ara foll 307), flimkien man-nota responsiva tal-intimat datata t-30 ta' Mejju, 2016, (ara foll 314);

10. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment, (ara foll 320);

11. Semghet ix-xhieda prodotti quddiema;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prezentati *in atti* u max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi kien impjegat mat-Taqsima tax-Xogholijiet assenjat xoghol fil-Garaxx tal-Gvern ta' Hal Kirkop;

13.2. Illi dam jaghmel dan ix-xoghol ghall-perjodu mit-30 ta' Novembru, 1981, sat-3 ta' Jannar, 1983, u kellu l-kariga ta' *"full-time Trainee/Aprentice*, (ara foll 5);

13.3. Illi x-xoghol hemm lilu assenjat kien jikkonsisti f'tindif fuq il-magni u partijiet ohra ta' vetturi tal-Gvern fosthom, brejkijiet, qlugh ta' magni u bdil ta' *"clutches"* (ara foll 29);

13.4. Illi l-brejkijiet kienu jinqalghu, jinhaslu, u jimbidlu u l-*"brake linings"* taghhom jigu irrivitjati u xkattlati, (ara foll 29);

13.5. Illi fil-perjodu in dizamina l-*"brakes"* kienu ghadhom il-bicca l-kbira bis-sistema tal-*"brake shoes"* u ghalhekk, meta ir-*"rivets"* taghhom jibdew ihokku mad-*"drum"* tar-rota, kienu jinbidlu u jinqalghu, (ara foll 29);

13.6. Illi l-*"brake linings"* kienu maghmula minn materjal tal-asbestos, (ara foll 29, 264 u 266);

13.7. Illi wkoll, il-*"clutches"* li kien jahdem fuqhom kienu mahdumin mill-asbestos, u kienu jigu xkattlati, (ara foll 29);

13.8. Illi rizultat tal-ixkatlar tal-*"brake linings"* u tal-*"clutch linings"* kien ikun hemm hafna trab tal-asbestos, (ara foll 29);

13.9. Illi fil-perjodu li dam jahdem fl-imsemmi garaxx ir-rikorrenti kien jahdem b'sistema ta' tliet (3) ijiem xoghol u jumejn (2) skola;

13.10. Illi fl-istess garaxx fuq imsemmi kien hemm ukoll impjegati diversi mekkaniks, *"supervisor"* fl-ufficju, u *"garage manager"*, (ara foll 29);

13.11. Illi fl-istess xoghol fuq indikat ir-rikorrenti, bhal shabu, kien mitlub jilbes *"boiler suit"* u kellhom ukoll disponibbli ghalihom *"hand cream"* biex inehhu iz-zejt minn fuq idejhom, (ara foll 30);

13.12. Illi kien hemm ukoll apparat iehor disponibbli skont in-natura tax-xoghol involut, (ara foll 30);

13.13. Illi bhala *"trainee/apprentice"* ir-rikorrenti kien juza l-ghodda tal-mekkanik li kien ikun assenjat mieghu, (ara foll 30);

13.14. Illi fir-rigward tad-tindif tal-*"clutches"* u tal-brejkijiet, ma kienux inghataw l-ebda tip ta' ilbies protettiv jew maskri ghan-nifs, (ara foll 30);

13.15. Illi *stante* li hass li din ma kienitx il-linja tieghu, r-rikorrenti kien telaq minn dan ix-xoghol;

13.16. Illi fl-istess perjodu kien jahdem *"part-time"* mal-familja jqassam is-sigaretti u f'xoghol ta' grocer, (ara foll 30 u 5);

13.17. Illi fil-perjodu bejn it-2 ta' Novembru, 1982, sas-27 t'April, 1983, kien impjegat mas-socjeta` *Golden Harvest Company Limited* assenjat fl-ippakkjar tal-hobz, (ara foll 30 u 5);

13.18. Illi mis-sena 1983 waqqaf kumpanija biex jimporta u jbigh *"body parts"* tal-vetturi bl-isem "*T.P.G. Limited"*, (ara foll 30 u 5);

13.19. Illi fl-ebda xoghol sussegwenti ghal dak fil-garaxx tal-Gvern ma kellu xi kuntatt dirett mall-asbestos, (ara foll 30);

13.20. Illi madwar l-2008 iddahhal l-isptar bi qtugh ta' nifs, (ara foll 31);

13.21. Illi min ezamijiet medici aktar iffokati instab li kellu l-ilma fil-pulmun u fl-ewwel intervent tnehhielu erbgha punt sitta (4.6.), litri ilma mill-pulmun, (ara foll 31);

13.22. Illi wara li giet effettwata *"CT Bio"* fuq ir-rikorrenti irrizulta li kellu mesothelioma, senjatament tip ta' kancer li jigi kkawzat esklussivament meta wiehed jigi

f'kuntatt dirett mall-asbestos – partikolarment mat-trab tieghu, (ara foll 31);

13.23. Illi dan seta' irrizulta anke jekk il-kuntratt tal-istess seta' sehh hafna snin qabel, (ara foll 31);

13.24. Illi konsegwentement beda trattament bir-raggi u sussegwentement bil-kimoterapija, (ara foll 32);

13.25. Illi rizultat tal-istess kien jinzamm fl-Isptar Boffa ghal jumejn (2) kull tliet (3) gimghat, (ara foll 32);

13.26. Illi din il-kura ma irrizultatx effettiva, (ara foll 32);

13.27. Illi ghalhekk il-professur kuranti beda juza kimoterapija differenti li kienet ghada fi stadju ta' prova li pero` kienet ikkontrollat il-kancer, (ara foll 32);

13.28. Illi pero` irrizulta li din il-kura ma kienitx tinghata mis-sistema sanitarja lokali izda kienet tithallas mill-utent, (ara foll 32);

13.29. Illi din il-kura hekk somministrata kienet tqum lir-rikorrenti elfejn u seba' mitt euro, (€2,700.00), kull tliet (3) gimghat, (ara foll 32);

13.30. Illi sa ma intavola l-procedura odjerna kien gia` ha sitt (6) korsijiet minnha, (ara foll 32);

13.31. Illi rizultat tal-ispejjez ingenti involuti, r-rikorrenti inghata nofs l-ispejjez tal-istess kura mill-*"Community Chest Fund"*;

13.32. Illi ghalhekk ir-rikorrenti gie li hareg l-ammont ta' tmint elef u mitt euro, (€8,100.00), personalment, (ara foll 32);

13.33. Illi *nonostante* l-kura moghtija, kien infurmat li l-mesothelioma mhix kurabbli, (ara foll 32);

13.34. Illi rizultat tal-istess kellu johrog mix-xoghol fuq *"indefinite sick leave"*, (ara foll 32);

13.35. Illi konsegwentement qieghed jircievi sitta u sittin euro, (€66.00), fil-gimgha, mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, (ara foll 32);

13.36. Illi rizultat tal-istess tilef ix-xoghol b'mod partikolari progett li kien ser jidhol ghalih konsistenti fis-segwenti: (ara foll 33)

13.36.1. ***"End-of-Life Vehicles"***: senjatament il-gbir ta' vetturi li wasslu fl-ahhar taghhom u taghmel *"depollution"*, cioe` tnehhi z-zjut,

*“coolants”*, u affarijiet ohra perikolanti, zzarma l-vetturi, u tesporta jew tbigh il-materjal;

13.36.2. Illi kienet giet intavolata applikazzjoni mal-*“Malta Enterprise”* ghal dan;

13.36.3. Illi kien gia` beda jixtri apparat ghal dan ix-xoghol;

13.36.4. ***“Mechanical Recycling Facility”***: senjatament konsistenti fi gbir ta’ kartun u plastic li jigu ippakkjati f’balal bi process mekkanizzat u esportati;

13.36.5. Illi biex isir dan ix-xoghol kien xtara kumpanija jisimha *J.K. Wilson Materials Recycling Limited* u beda jivesti fil-magni necessarji ghall-istess;

13.36.6. Illi kienet ukoll giet intavolata applikazzjoni mal-*“Malta Enterprise”* ghal dan il-progett;

Ikkunsidrat:

14. Illi skont ir-relazzjoni tal-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 67)

14.1. Illi meta ezaminat ir-rikorrenti kien ibaghti mis-sola u minn qtugh ta’ nifs;

14.2. Illi minn *X-ray* ta’ sider ir-rikorrenti kienet riskontrata effuzjoni plewrika;

14.3. Illi wara biopsija gwidata mis-*“CT”* irrizulta li r-rikorrenti kien qieghed isofri minn mesothelioma;

14.4. Illi dan it-tip ta’ tumur mhux kurabbli;

14.5. Illi jirrizulta minghajr l-ebda dubju li hemm rabta diretta ma esposizzjoni ghall-asbestos u m'ghandha l-ebda relazzjoni mat-tipjib;

14.6. Illi wara tali dijanjosi inbdiet il-kura necessarja indikata fl-istess relazzjoni;

14.7. Illi kien qieghed jinghata kura paljattiva u kien baqa' jbaghti mis-sola, ugigh fil-qafas ta' sidru, u minn remettar;

14.8. Illi r-rikorrenti jidher li hu fi stat fragili, u nifsu jinqata' malajr ma l-anqas sforz;

14.9. Illi l-pulmun jiffunzjona fil-livell ta' madwar hamsin fil-mija, (50%), tal-valur previst ghat-tul u ghall-eta` tar-rikorrenti;

14.10. Illi l-mesothelioma tirrispondi limitatament ghat-trattament;

14.11. Illi l-pronjosi hi estremament rizervata;

14.12. Illi b'aktar approfondiment l-istess espert mediku nominat jispjega s-segwenti: (ara foll 248)

14.12.1. Illi l-kondizzjoni riskontrata fuq ir-rikorrenti teffettwa r-rita tal-pulmun, tal-qalb u tal-imsaren;

14.12.2. Illi meta tolqot il-pulmun din tkun malinja hafna;

14.12.3. Illi generalment din tirrizulta bhala effett ghal esposizzjoni ghall-asbestos;

14.12.4. Illi kull tip t'asbestos jirrizulta li jaghmel il-hsara;

14.12.5. Illi t-tul ta' zmien li persuna jista' jkun espost ghaliha ma jaghmilx differenza;

14.12.6. Illi rizultat tal-esposizzjoni li kellu r-rikorrenti ghall-asbestos dan kellu ilma fil-pulmun;

14.12.7. Illi l-effetti ta' tali esposizzjoni ghall-asbestos jistghu javveraw ruhhom wara tul ta' zmien;

14.12.8. Illi fil-kaz odjern l-esposizzjoni bdiet fl-1981 u l-marda giet skoperta fl-2008;

14.12.9. Illi mill-esperjenza tal-istess espert mediku *de quo* il-marda riskontrata fuq ir-rikorrenti kienet ikkawzata mill-esposizzjoni tal-asbestos;

Ikkunsidrat:

15. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni biex tiskonvolgi l-analisi u l-konkluzjoni tal-istess espert mediku regolament nominat, u konsegwentement taghmel taghha l-konkluzjonijiet li l-istess espert wasal ghalihom;

Ikkunsidrat:

16. Illi fir-rigward tal-obbligi li minn jimpjega ghandu fil-konfront ta' min ihaddem, is-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Carmena Fenech et vs. Ic-Chairman tal-Malta Drydocks et*** datata s-***6 ta' Dicembru, 2006,*** elenkat il-principji involuti fil-materja:

> "Tali rapport jimponi b'obbligu fuq minn ihaddem illi jadotta ghall-harsien tal-impjegati tieghu mhux biss dawk il-mizuri specifici tassattivament imposti mill-ligi u mir-regolamenti in relazzjoni ghall-attivita` ezercitata minnha wkoll b'mod generali, dawk il-mizuri dettati mill-prudenza komuni u mill-esperjenza li jkun hekk mehtiega ghat-tutela tal-haddiem;
>
> "Hekk fil-korp tal-ligijiet taghna nsibu rikonoxxut dan l-obbligu normattiv tat-tuteta taht l-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol,

(Kapitlu 424), senjatament l-artiklu 6 tieghu, konsistenti f'dawk il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol. Att dan li hu estendibbli bhala parti mill-pakkett tal-kundizzjonijiet ta' impjieg bl-artiklu 9 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, (Kapitlu 452). F'dan ma hemm xejn gdid li ma kienx jinghad u jifforma parti mill-"*Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations"*, 1945, kif minn zmien ghal zmien emendati;

"...Fundamentalment, imbaghad, dak l-istess obbligu jiddixxendi kostituzzjonalment ghad-difiza tad-drittijiet tal-hajja, u tar-rispett tas-sigurta` tal-persuna, (artiklu 32 tal-Kostituzzjoni";

Ikkunsidrat:

17. Illi skont *"fitter"* li kien impjegat mal-istess intimat li kien jahdem mar-rikorrenti, l-impjegati fil-garaxxijiet tal-intimat qatt ma gew provduti b'maskri jew apparat iehor ta' protezzjoni kif isosstni l-istess rikorrenti, (ara foll 61B kif paragunata ma foll 30);

18. Illi *"senior technical officer"* li wkoll kien jahdem mal-intimat fil-garaxx in dizamina jikkonferma dak indikat fil-paragrafu precedenti u jsostni li *"boiler suits"*, *"safety shoes"* u maskri kienu jinghataw biss lill-i*sprayers*, izda ghal xoghol iehor, bhal dak li kien assenjat jaghmel ir-rikorrenti, ma kienx jinghata ilbies protettiv, (ara foll 260);

19. Illi kull ma jirrizulta hu li kien hemm ventilazzjoni tajba, (ara foll 260);

Ikkunsidrat:

20. Illi rizultat tas-suespost jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti miet bil-kundizzjoni specifika fuq riskontrata;

21. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li din il-kundizzjoni zviluppat fir-rikorrenti rizultat tal-esposizzjoni li hu kellu ghall-asbestos meta hu kien impjegat mal-intimat fil-garaxx in dizamina u dan, rizultat tax-xoghol partikolari lilhu assenjat kif fuq elenkat;

22. Illi l-asbestos in kwistjoni jirrizulta li kien uzat fil-*"brakes"* u l-*"clutches"* tal-vetturi li r-rikorrenti kien hemm ordnat li jahdem fuqhom;

23. Illi fl-esekuzzjoni ta' tali xoghol jirrizulta assodat li qatt ma inghata ilbies protettiv jew adegwat biex ikun jista' jaghmel dan ix-xoghol b'inkolumita`;

Ikkunsidrat:

24. Illi l-intimat naqas li jipprova li kien hemm xi fattur iehor li seta' irriduca lir-rikorrenti fl-istat riskontrat, tant, li l-istess espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta irrespinga din l-ipotesi professjonalment, (ara foll 67);

25. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat jipprova jinsinwa li jista' jaghti l-kaz li r-rikorrenti kellu kuntatt mal-asbestos f'xoghol li hu kellu f'perjodi sussegwenti ghall-impjieg tieghu mal-intimat, (ara foll 316);

26. Illi apparti li tali insinwazzjoni kienet kategorikament rigettata mir-rikorrenti fl-affidavit tieghu, (ara foll 30 u paragrafu numru tlettax punt dsatax, (13.19.), aktar qabel), l-intimat ma jressaq l-ebda prova in sosstem tal-istess;

27. Illi ghalhekk il-kuntatt li r-rikorrenti kellu mal-asbestos sehh biss fil-perjodu bejn l-1981 u 1983 meta kien hekk impjegat mal-intimat;

28. Illi *di piu`*, jirrizulta xjentifikament assodat mid-deposizzjoni tal-espert mediku fuq riferit, li kuntrarju ghal dak li jsostni l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, (ara foll 315), esposizjoni anke ghall-perjodu zghir hi bizzejjed biex tiskatta l-effetti devastanti riskontrati, (ara foll 248);

Ikkunsidrat:

29. Illi ghalhekk, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova li l-intimat hu unikament responsabbli ghall-kundizzjoni li zviluppat fil-konfront tieghu b'rizultat tal-espozizzjoni ghall-asbestos li hu kellu minhabba x-xoghol lilu assenjat meta kien impjegat bhala *"trainee/Apprentice"* mal-istess intimat, u allura hu l-istess intimat li ghandu jirrispondi ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

30. Illi konsegwenza tas-suespost jigi ribadit li l-vertenza odjerna tirrigwarda analisi tad-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tax-xoghol lilhu assenjat;

31. Illi r-risoluzzjoni tal-istess hi misjuba b'mod extra-kontrattwali fl-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li biex jigi evitat dilungar inutili mhux qed jigu hawn riprodotti, u b'mod kontrattwali a bazi tal-ksur tal-obbligi statutorjament imposti fuq min ihaddem fil-konfront tal-impjegati tieghu bil-ghan li jigu evitati sinistri inutili fuq l-istess impjegati;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi ghal fini tal-likwidazzjoni ta' danni jinghad sintetikament is-segwenti:

32.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 1045(1) tal-Kodici Civili persuna responsabbli ghal hsara fuq persuna ohra ghandha twiegeb ghall-istess hsara billi taghmel tajjeb ghal din il-hsara bil-mod segwenti:

32.1.1. Ghat-telf effettiv minnha kkagunat;

32.1.2. L-ispejjez li l-parti li bghatiet il-hsara setghet inkorriet ghalhekk fih;

32.1.3. It-telf ta' paga jew qligh iehor attwali;

32.1.4. Telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` permanenti, totali jew parzjali;

33.0. Illi fil-kaz li bhala rizultat tad-danni ikkagunat il-persuna ddanneggjata tmut, skont l-artiklu 1046 tal-istess kodici riferit fil-paragrafu precedenti r-rifuzjoni titmexxa bil-mod segwenti:

33.1. Flimkien mat-telf u spejjez ikkagunati;

33.2. Il-qorti tista' wkoll taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` permanenti;

Ikkunsidrat:

34. Illi stabbilit is-suespost jinhtieg issa li jigi analizzat il-*quantum* tad-danni involut;

***A. Damnum Emergens***:

35. Illi f'dan ir-rigward, ghalkemm kien allegat li r-rikorrenti kien nefaq €8,100.00 personalment ghall-kura partikolari somministrata lilu, (ara foll 32), jinghad li ma gew ipprezentati l-ebda ricevuti jew provi ohra fir-rigward;

36. Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-progetti li r-rikorrenti kellu ghall-kumpanija tieghu, (ara foll 33);

***B. Lucrum Cessans***:

37. Illi d-dhul tar-rikorrenti *decuius* kien ta' medja ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u disghin euro, **(€22,496.00**), (ara foll 310);

38. Illi d-dhul ghall-gholi tal-hajja kien ta' tliet mija u tliet euro u tmienja u sebghin centezmu, (€303.78), (ara foll 310)

39. Illi peress li r-rikorrenti miet ta' sitta u erbghin, (46), sena allura l-gholi tal-hajja tigi moltiplikata ghal hdax- il darba;

40. Illi allura dan il-kap tal-gholi tal-hajja ghandu jkun ekwivalenti ghal tliet elef, tliet mija u wiehed u erbghin euro, u tmienja u hamsin centezmu, **(€3,341.58**);

41. Illi ghalhekk il-qligh komplessiv taz-zewg kapi hawn riprodotti jammonta komplessivament ghal hamsa u ghoxrin elf, tmin mija

u seba' u tletin euro u tmienja u hamsin centezmu, (**€25,837.58**) – senjatament:

**€22,496.00 + €3,341.58 = €25,837.58**

42. Illi jigi sottolineat li mhux ser jittiehed kont tal-qligh li kienet taghmel is-socjeta` *TPG Malta Limited*, *stante* li l-qligh mill-istess kien jintuza biex jizdied l-i*stock*;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi rigward il-**Multiplier** jinghad sintetikament is-segwenti:

43.1. Illi meta r-rikorrenti miet hu kellu 46 sena;

43.2. Illi ghalhekk sejjer jintuza *multiplier* ta' hdax- il sena – u dan anke bi qbil tal-partijiet kif jirrizulta min-noti ta' sottomissjonijiet minnhom pprezentati, (ara rispettivament foll 310 u foll 316);

Ikkunsidrat:

44. Illi rigward id-dizabilita` riskontrata ghandu jkun pacifiku li l-mewt tar-rikorrenti ssuperat dak il-persentagg stabbilit mill-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta ta' 50% (ara foll 67), u ghandu issa jitqies bhala ekwivalenti ghal **100%**;

Ikkunsidrat:

45. Illi ghalhekk il-*lucrum cessans* ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

**€25,837.00 x 100% x 11 = €284,213.28**

Ikkunsidrat:

46.0. Illi fir-rigward tal-*"lump Sum Payment"* jinghad sintetikament is-segwenti:

46.1. Illi fil-kaz fl-ismijiet ***Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri*** datat is-***27 ta' Frar, 2004***, il-***Qorti tal-Appell*** tistabbilixxi li:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident";

46.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, datata t-***2 ta' Gunju, 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** tghid li:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, ("lump sum payment"), lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero` tkun ser tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza"

46.3. Illi fil-kuntest in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

46.3.1. Illi l-kawza giet intavolata fit-3 ta' Gunju, 2009, (ara foll 1);

46.3.2. Illi s-sentenza qeghda tinghata fit-8 ta' Novembru, 2016, (ara foll 320 *et sequitur*);

46.3.3. Illi allura jigi li s-sentenza qed tinghata seba' (7) snin u hames (5) xhur wara li kienet intavolata;

46.3.4. Illi ghalhekk jigi sottolineat li ghandu jsir tnaqqis ta' ghaxra fil-mija, (**10%**);

47. Illi allura fid-dawl tas-suespost l-ammont ta' danni ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

**€284,213.28 – 10% = €255,792.06**

48. Illi *di piu`* ghandu jigi ikkonsidrat li fil-perjodu in dizamina kien hemm ukoll konsum personali li *arbitrio boni viri* qed tigi kkalkolat fl-ammont ta' ghoxrin fil-mija, (**20%**);

49. Illi tenut kont tal-istess id-danni finali ghandhom jigu kwantifikati b'dan il-mod:

**€255,792.06 – 20% (€51,158.41) = €204,633.65**

50. Illi ghalhekk l-ammont ta' danni likwidat f'din il-procedura hu ta' **mitejn u erbat elef sitt mija u tlieta u tletin euro u hamsa u sittin centezmu, (€204,633.65)**;

**DECIDE:**

51.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi fil-limitazzjonijiet fuq rilevati u konsegwentement, filwaqt li:

51.1. Tirrespingi r-risposti tal-intimat;

51.2. Takkolji parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

51.3. Tiddikjara li l-*mesothelioma* li biha sofra r-rikorrenti *decuius* giet ikkawzata unikament u esklussivament minhabba x-xoghol tieghu fuq indikat bejn it-30 ta' Novembru, 1981 u t-3 ta' Jannar, 1983, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol daparti tal-istess intimat;

51.4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti inkwantu ghall-*lucrum cessans* fl-ammont ta' mitejn u erbat elef sitt mija u tlieta u tletin euro u hamsa u sittin centezmu, (€204,633.65), b'dan illi tirrespingi t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tad-*damnum emergens stante* li ma gietx ippruvata skont il-ligi;

51.5. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

51.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**